MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**ABIGAIL LOFARO**

Seduta tal-15 ta' Ottubru, 2012

Rikors Numru. 29/2012

**AB**
**vs**
**CB**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors illi gie debitament ikkonfermat bil-gurament mir-rikorrenti, li permezz tieghu ippremetta:

1. Illi l-kontendenti zzewgu f'Malta nhar il-wiehed u ghoxrin ta' Frar tas-sena elf disa' mija u wiehed u disghin (21.02.1991) u z-zwieg taghhom gie registrat fir-Registru Pubbliku ta' Malta bin-numru progressiv ta' mija u ghoxrin tas-sena elf disa' mija wiehed u disghin (120/1991) (certifikat taz-zwieg hawn anness u mmarkat Dok A);
2. Illi minn dan iz-zwieg taghhom, twieldu N fis-sitta u ghoxrin ta' April tas-sena elf disa mija wiehed u disghin (26.04.1991) u J fit-tlieta ta' Mejju tas-sena elfejn (03.05.2000);

3. Illi huma sseparaw permezz ta’ kuntratt pubbliku fl-atti tan-Nutar Dottor Patricia Hall tas-sebgha u ghoxrin ta’ Dicembru tas-sena elfejn u erbgha (27.12.2004) (kopja awtentika tal-istess qeghda tigi hawn annessa u mmarkata Dok B);
4. Illi ghaldaqstant ghaddew iktar minn erba’ snin mid-data tas-separazzjoni;
5. Illi l-esponenti jiddikjara li ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ghal rikonciljazzjoni;
6. Illi permezz ta’ sentenza fl-ismijiet Jason Cini vs Marthese Cini (Rikors Gur. Nru 360/06 JA) deciz nhar it-30 ta’ Marzu 2006, gie deciz illi l-kura u kustodja tal-minuri Jasmine tkun kongunt bejn il-partijiet. (kopja legali tas-sentenza qeghda tigi hawn annessa u mmarkata bhala Dok C);
7. Ili ghal dawn l-ahhar xhur, il-minuri Jasmine qed tirrisjedi flimkien ma huha N ghand in-nanniet paterni;
8. Illi l-esponenti jipprovdi ghal bzonnijiet kollha necessarji ghal minuri J ;
9. Illi l-partijiet jissodisfaw ir-rekwiziti kollha stabbiliti mill-Ligi biex jinghata d-divorzju;

Talab li l-intimata tghid ghaliex din il-Qorti m’ghandhiex :

1. Tippronunzja l-hall taz-zwieg bejn il-partijiet;
2. Tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fiz-zmien imholli ghal daqshekk minn dina l-Onorabbli Qorti, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bil-hall taz-zwieg tal-partijiet sabiex dan jigi debitament registrat fir-Registru Pubbliku, u dan taht kull provvediment iehor li jidhrilha xieraq u opportun;

Rat id-digriet taghha tad-9 ta’ Marzu, 2012;
Rat id-dokumenti kollha li gew esebiti;

Rat illi l-intimata debitament notifikata ma ipprezentatx risposta u qatt ma dehret ghas-seduti iffissati mill-Qorti hlief ghal darba wahda biss fejn talbet lill-Qorti sabiex tiddifferixxi ir-rikors ghall-informazzjoni ulterjuri u li l-Qorti kienet laqghet din it-talba u iddifferiet il-kawza ghall-15 ta’ Gunju 2012 ghal dan il-ghan, izda dakinhar minkejja illi l-

intimata dehret ghas-seduta il-Qorti ma giet mghoddija l-ebda informazzjoni;

Illi ghas-seduta tat-8 ta' Ottubru, 2012 l-intimata baqghet ma dehritx, deher biss ir-rikorrenti;

Illi ghalhekk il-Qorti sejra tghaddi sabiex taghti sentenza fuq il-provi illi ghandha;

Il-Qorti rat l-Artikolu 66 tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

Ikkunsidrat :

Illi l-Qorti rat illi ir-rikorrenti issodisfa ir-rekwiziti kollha mehtiega mill-Ligi sabiex zwieg jigi mahlul u dana peress illi ipprova illi l-partijiet ilhom legalment separati mis-27 ta' Dicembru 2004 u illi ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ta' rikonciljazzjoni bejn il-partijiet;

Illi l-Qorti rat ukoll illi ma hemm l-ebda manteniment dovut mir-rikorrenti lill-ulied minuri;

Ghaldaqstant, u ghar-ragunijiet fuq imsemmija, il-Qorti qeghda tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien xahar millum, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku;

Il-Qorti tordna illi l-ispejjez ikunu bla taxxa bejn il-partijiet;

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------